

Brussell, 22 ta' Ġunju 2023
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0107(COD)

10481/2/23
REV 2 ADD 1

CODEC 1092
CYBER 155
COPEN 204
JAI 829
DROIPEN 92
ENFOPOL 291
TELECOM 194
EJUSTICE 24
MI 510
DATAPROTECT 163

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar id-deżinjazzjoni ta' stabbilimenti ddeżinjati u l-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini tal-ġbir ta' evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

1. Il-Gvern Federali tal-Ġermanja japprova l-verzjoni finali tar-Regolament dwar l-ordnijiet ta' produzzjoni u ta' preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċeduri kriminali (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament"), għaliex jipprevedi sett ta' għodod li huma ta' hteġa urġenti fil-għieda effettiva kontra l-kriminalità permezz tal-media diġitali.

2. Fl-istess ħin, il-Gvern Federali tal-Ġermanja iqis b'dispjaċir li l-premessi huma nieqsa miċ-ċarezza meħtieġa fir-rigward tat-trattament tar-raġunijiet għal rifjut. L-istat tad-dritt jimponi żewġ obbligi fuq l-awtorità notifikata: minn naħa trid teżamina l-ordnijiet ta' produzzjoni li jintbagħtulha u, min-naħa l-oħra, trid tinvoka r-raġunijiet għal rifjut marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi kif jinsab fl-Artikolu 12, jekk il-kundizzjonijiet rilevanti jkunu sodisfatti. B'mod partikulari, jekk il-kundizzjonijiet ta' raġuni għal rifjut, fuq il-bażi tad-drittijiet fundamentali, li għadha limitata immens, ikunu sodisfatti, ma għandux ikun hemm lok għal deċiżjoni diskrezzjonarja. Formulazzjoni aktar ċara dwar dan fil-premessa 62 u l-bqija kienet tkun utli.

3. Barra minn hekk, minn perspettiva tal-istat tad-dritt, huwa essenzjali li l-protezzjoni legali ma tkunx teżisti biss kontra l-ordnijiet ta' produzzjoni u fl-istat emittenti, iżda wkoll kontra ordnijiet ta' preservazzjoni u fl-istat tal-infurzar. Il-Gvern Federali jiddispjaċih li l-Artikolu 18 jipprevedi espliċitament biss l-ewwel żewġ aspetti tal-protezzjoni legali, iżda jqis li l-possibbiltà li protezzjoni legali komprensiva hija koperta mill-formulazzjoni.

4. Fl-aħħar nett, inqisu li l-formulazzjoni użata fil-premessa 53 (l-interpretazzjoni tal-kriterju ta' residenza) dwar l-intenzjoni ta' stabbiliment fi Stat Membru partikolari hija vaga wisq. Sempliċi "manifestazzjoni" indefinita ta' intenzjoni ta' stabbiliment hija miftuħa wisq għall-interpretazzjoni, u b'hekk twessa' l-ambitu tal-kriterju ta' residenza meta m'għandhiex. Fil-prattika, dan jista' jwassal għal anqas notifiki milli jkun xieraq għar-raġunament wara dan ir-Regolament.

Dikjarazzjoni mill-Polonja

Mill-bidu tan-negozjati, il-Polonja appoġġat bis-sħiħ l-oġġettivi tal-pakkett dwar l-evidenza elettronika, li kienu inkorporati kollha fl-approċċ ġenerali adottat mill-Kunsill. Madankollu, l-emendi adottati fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew idgħajfu kompletament l-effettività tal-miżuri introdotti. Għal din ir-raġuni, il-Polonja teħtieġ tesprimi l-oġġezzjoni tagħha għall-adozzjoni tar-Regolament u tad-Direttiva dwar l-evidenza elettronika.

Ir-raġuni proposta għal rifjut ta' ordnijiet, abbażi tal-proċeduri politiċi msemmija fl-Artikolu 7(1) TUE, tintroduċi liberalizzazzjoni sinifikanti għar-raġunijiet ta' rifjut, li ser ikollha l-effett li tfixkel il-kooperazzjoni f'materji kriminali bejn l-Istati Membri. Tali proċedura tiddetta li l-prattikanti li japplikaw il-liġi jkunu involuti fil-valutazzjoni ta' ċirkostanzi, li jmur ferm lil hinn mill-ambitu u l-iskop tal-proċedimenti kriminali. L-iżvilupp ta' mekkaniżmu li jippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jivvalutaw ksur serju potenzjali ta' dritt fundamentali jinterferixxi inġustament mal-kompetenzi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kif jinsabu fit-Trattati.

Minħabba l-istruttura finali nnegożjata tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika u r-rabta mill-qrib mad-Direttiva dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini tal-ġbir tal-evidenza, il-Polonja toġġezzjona għall-adozzjoni taż-żewġ strumenti tal-pakkett dwar l-evidenza elettronika.